**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**

**Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Paul Spiteri**

**Kumpilazzjoni Numru 38/2022**

**Illum 8 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa fir-rigward ta' Paul Spiteri, ta' 33 sena u detentur tal-karta' tal-Identita' bin-numru 11489G li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

*"nhar il-25 ta' Lulju 2022 għall-habta ta' 3.30a.m. fi Triq Ras il-Bajjada, Munxar Għawdex u/jew f'dawn il-Gzejjer;*

*1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mario Spiteri hekk kif iċċertifika Dr. Syed Mehd M.D. Reg. No. 4521 minn Sptar Ġenerali t'GĦawdex u dan ai termini tal-artikoli 214, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies b'għajjat jew b'mod ieħor u dan bi ksur tal-artikolu 338(m) tal-Kap. 9;*

*3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lill-mara tiegħu Jo Anna Spiteri u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9;*

*U aktar talli nhar il-25 ta' Lulju 2022 f'diversi ħinjiet bejn 2.35a.m. u 3.20a.m. ġewwa Ta' Sannat, Għawdex u/jew f'dawn il-Gzejjer:-*

*4. Għamel użu ta' xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat għal xi għan li ma jkunx dak li għalih ġie provdut jew xorta oħra naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nħarġu minn provditur awtorizzat għall-użu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjoni jew tagħmir jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-art 48 (1) (D), 49(c) tal-Kap 339 tal-liġijiet ta Malta;*

*5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi ġab ruhu b'mod li ta fastidju jew ġab ruhu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li kien ta' fastidju lil Jo Anna Spiteri u Mario Spiteri u dan bi ksur tal-artikolu 251A(1)(a)(b) tal-Kap. 9;*

*F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Mario Spiteri u Jo Anna Spiteri u dan ai termini tal-Art. 382A u 383 et seq. tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Il-Qorti hi ġentilment mitluba illi minn issa tipprovdi għal garanzija ta' Mario Spiteri u Jo Anna Spiteri u skont artikolu 412 (C) tal-Kap. 9 tal-Kodiċi Kriminali."*

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali.

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, Mario Spiteri, Jo Anna Spiteri, Raymond Spiteri u Mria Assunta Spiteri għazlu li jeżerċitaw id-dritt rispettiv tagħhom li ma

jixhdux. Għalhekk, din il-Qorti hija samja minn provi dwar dan l-allegat inċident peress li x-xhieda li tressqu kienu biss uffiċjali tal-pulizija u tobba li kienu rrilaxxaw iċ-ċertifikati mediċi relattivi għal uħud mill-imputazzjonijiet. Dawn ix-xhieda li tressqu setgħu jixhdu dwar dak li ntqal lilhom jew dwar dak li eżaminaw fuq il-persuna ta' l-allegati vittmi izda ma kinux xhieda okulari li raw l-allegat inċident iseħħ.

In oltre, fl-istqarrija rilaxxata mill-imputat, dan għazel li ma jweġibx għal maġġior parti tad-domandi magħmula minnu u għalhekk din il-Qorti lanqas ma tista' tistrieh fuq il-kontenut ta' l-istqarrija rilaxxata.

In vista ta' dan kollu, l-ebda waħda mill-imputazzjonijiet imressqa kontra l-imputat ma ġew ippruvati billi l-Prosekuzzjoni naqset li tressaq l-aħjar prova u lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli.

**Deċide:**

**Għaldaqstant, din il-Qorti qed tillibera lil Paul Spiteri minn kull kundanna u ħtija.**

(ft.) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur